

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court (Ireland) (l-Irlanda) fit-18 ta' Mejju 2018 –
Minister for Justice and Equality vs R O**

(Kawża C-327/18)

(2018/C 249/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

High Court (Ireland)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Minister for Justice and Equality

Konvenut: R O

Domandi preliminari

Fid-dawl:

- (a) tal-fatt li r-Renju Unit ta notifika taħt l-Artikolu 50 TUE;
 - (b) tal-inċertezzi rigward l-arranġamenti li ser isiru bejn l-Unjoni u r-Renju Unit sabiex jiġu rregolati r-relazzjonijiet tagħhom wara l-ħruġ tar-Renju Unit; u
 - (c) tal-inċertezzi li jirriżultaw minn dan dwar sa liema punt il-konvenut jista', fil-prattika, igawdi mid-drittijiet mogħtija mit-Trattati, mill-Karta jew minn kwalunkwe leġislazzjoni rilevanti fil-każ li huwa jiġi kkonsejnat lill-awtoritajiet tar-Renju Unit u jinżamm il-ħabs wara l-ħruġ tar-Renju Unit;
1. Stat mitlub huwa meħtieġ li jirrifjuta, skont id-dritt tal-Unjoni, il-konsenja lir-Renju Unit ta' persuna li hija s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew li l-konsenja tagħha huwa, madankollu, obbligatorja skont id-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat Membru:
 - (i) f'kull każ?
 - (ii) f'ċerti każijiet, skont iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ?
 - (iii) febda każ?
 2. Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija dik imsemmija fil-punt (ii), liema huma l-kriterji u l-elementi li għandhom jiġu evalwati minn qorti fl-Istat mitlub sabiex tiddeċiedi jekk il-konsenja hijiex projbita?
 3. Fil-kuntest tat-tieni domanda, il-qorti tal-Istat mitlub hija meħtieġa tidifferixxi d-deċiżjoni finali dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew sabiex tistenna iktar preċiżjonijiet dwar is-sistema ġuridika rilevanti li għandha tiġi implementata wara li l-Istat rikjedenti joħroġ mill-Unjoni:
 - (i) f'kull każ?
 - (ii) f'ċerti każijiet, skont iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ?
 - (iii) febda każ?

-
4. Jekk ir-risposta għat-tielet domanda hija dik imsemmija fil-punt (ii), liema huma l-kriterji jew l-elementi li għandhom jiġu evalwati minn qorti fl-Istat mitlub sabiex tiddeċiedi jekk huwiex obligatorju li tiddifferixxi d-deċiżjoni finali dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew?
-